**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 3 ta' Novembru 2015**

**Rikors numru:- 51/2012JVC**

**Island Developments Limited u Prime Mall Limited**

**Vs**

**Tarsons Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-kumpaniji attrici Island Developments Limited u Prime Mall Limited fejn Mark Grech ippremetta:

1. Il-kumpanija esponenti Island Developments Limited hija l-proprjetarja tal-kumpless maghruf bhala "The Duke", Republic Street, Victoria, Ghawdex u l-kumpanija esponenti l-ohra, Prime Mall Limited topera l-istess kumpless;

2. Il-kumpanija konvenuta Tarsons Limited hija kumpanija li giet inkarigata mill-kumpanija esponenti sabiex tissupplixxi rham u taghmel diversi xoghlijiet ta' irham gewwa l-imsemmi kumpless;

3. Il-ftehim mal-kumpanija kontendenti kien fis-sens illi kien hemm zewg xorta ta' xoghlijiet li kellha taghmel il-kumpanija konvenuta u senjatament xoghlijiet illi taghhom kienet ser tithallas "lump sum" u xoghlijiet ohra li kellhom jithallsu skont il-kejl b'rati maqbula;

4. Il-kumpaniji esponenti halsu dak kollu dovut minnhom lill-kumpanija konvenuta in kwantu jirrigwardja x-xoghlijiet illi dwarhom kellu jsir hlas permezz ta' "lump sum". Fir-rigward tax-xoghlijiet illi kellhom jithallsu skont il-kejl, il-kumpanija konvenuta kienet riluttanti illi tqabbad professjonisti sabiex jistabbilixxu l-kejl ezatt izda baqghet titlob pagamenti lill-kumpanija esponenti u ricentament sahansitra pprezentat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra taghhom. Fir-rigward tax-xoghlijiet li kellhom jithalsu skont il-kejl, il-kumpanija esponenti lahqet ivversat diversi pagamenti akkont. B'kollox, il-kumpaniji esponenti halsu lill-kumpanija konvenuta l-ammont kumplessiv ta' mija u tlettax-il elf erba' mija wiehed u tmenin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€113,481.27). Dawn il-pagamenti jirrizultaw mid-dokument li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument IDL1";

5. Wara li nhareg l-imsemmi mandat ta' sekwestru, il-kumpaniji esponenti nsistew mal-kumpanija konvenuta illi kellhom jitqabbdu zewg periti, wiehed minn kull parti, sabiex ikejlu x-xoghlijiet li kienu saru mill-kumpanija konvenuta u jistabbilixxu l-ammont illi kellu jithallas lilha mill-kumpanija esponenti. Dana minghajr pregudizzju ghall-fatt illi xi xoghol illi ghamlet il-kumpanija konvenuta ma kienx skont is-sengha u l-arti. Wara hafna skuzi u dilungar da parti ta' Tarcisio Cremona, id-direttur tal-kumpanija konvenuta, il-kumpaniji esponenti hatru lill-Perit Alexander Bigeni u l-kumpanija konvenuta hatret lill-Perit Shaun Micallef li kejlu x-xoghlijiet;

6. Mill-kont ippreparat mill-Perit Alexander Bigeni, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument IDL2", irrizulta illi l-kumpaniji esponenti kienu hallsu aktar milli kien dovut, senjatament hallsu s-somma ta' tmienja u tletin elf mija disgha u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€38,199.73) aktar milli kien dovut lill-kumpanija konvenuta;

7. Id-Direttur tal-kumpanija, Tarcisio Cremona, beda jgib ruhu bl-aktar mod mhux ko-operattiv u ntransigenti u meta ntalab il-pagament ta' din is-somma irrifjuta bl-aktar mod kategoriku li jhallas lura dak li l-kumpanija konvenuta rceviet minghajr ma kien dovut. Il-kumpanija esponenti ma kellhiex triq ohra ghajr illi

tipprezenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 71/2012 kontra l-kumpanija konvenuta;

8. Kien f'dan l-istadju illi l-kumpanija konvenuta talbet laqgha b'urgenza mar-rapprezentanti legali, liema laqgha nzammet ftit jiem wara l-hrug ta' l-imsemmi mandat. Waqt din il-laqgha, ir-rapprezentanti tal-kumpaniji esponenti spjegaw fid-dettal l-ammont dovut lilhom u ghaddew id-dokumentazzjoni kollha relattiva lill-kumpanija konvenuta li talbet ftit zmien sabiex tikkonsulta mal-konsulent legali taghha;

9. Minn dakinhar sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf, ghaddew bosta gimghat u l-kumpanija konvenuta pprezentat noti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru msemmi aktar 'il fuq permezz ta' liema estendiet it-terminu legali moghti lill-kumpanija esponenti ghall-prezentata tal-kawza fil-mertu u qatt ma ressqet xi lment dwar l-ammont mitlub mill-kumpaniji esponenti;

10. Ghalhekk il-kumpanija konvenuta hija debitrici tal-kumpanija esponenti fl-ammont kumplessiv ta' tmienja u tletin elf mija disgha u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€38,199.73)

11. Id-dejn dovut mill-kumpanija konvenuta lill-kumpaniji esponenti huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpaniji esponenti, il-kumpanija konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet attrici tant illi l-kumpanija konvenuta ma ressqet l-ebda raguni ghaliex dana l-ammont ma ghandux ikun dovut minnha lill-kumpaniji esponenti;

12. Ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega mil-ligi skont l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh;

13. Dawn il-fatti, l-esponenti jafhom personalment;

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta hija debitrici tal-kumpaniji attrici fl-ammont ta' tmienja u tletin elf mija disgha u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€38,199.73);

3. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpaniji attrici s-somma msemmija ta' tmienja u tletin elf mija disgha u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€38,199.73);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 71/2012 u tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment kontra l-kumpanija konvenuta u bl-interessi kummercjali bl-oghla rata permessibbli mil-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta illi d-diretturi, azzjonisti u rapprezentanti taghha huma ngunti minn issa stess in subizzjoni.

B'rizerva illi l-kumpaniji esponenti jipprocedu ghad-danni lilhom ikkagunati kontra l-kumpanija konvenuta ghal dawk ix-xoghlijiet illi ma sarux skont is-sengha u l-arti.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' Tarsons Limited fejn Tarcisio Cremona ikkonferma:

1. Illi t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u mhux minnu li s-socjeta' konvenuta hija kreditrici tas-socjetajiet rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u tletin elf mija u disgha u disghin euro u tlieta u sebghin euro centezmi (€38,199.73);

2. Illi fl-ewwel lok il-kalkoli maghmula mis-socjetajiet rikorrenti mhumiex korretti stante li mhumiex qeghdin jinkludu numru ta' *invoices* ta' xoghol li sar fil-kumpless "The Duke" fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex. Il-konteggi maghmula mis-socjetajiet rikorrenti saru biss fuq xi whud mill-invoices mahruga u dan skont ma sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi fit-tieni lok il-pagament ta' tmintax–il elf u hames mitt euro (€18,500) allegatament maqsum f'zewg pagamenti separati ta' ghaxart elef euro (€10,000) u tmint elef u hames mitt euro (€8,500) rispettivament ma sarx u dan kif is-socjetajiet rikorrenti u d-diretturi taghhom jafu u jafu ben tajjeb;

4. Illi fit-tielet lok parti mill-pagamenti li saru mis-socjetajiet rikorrenti kienu effettivament qeghdin jaqtghu valur ta' xoghlijiet ohra nkluz it-taxxa tal-VAT li saru mis-socjeta' intimata fuq progetti ohra tas-socjeta' Island Developments Limited u liema progetti m'ghandhom l-ebda konnessjoni max-xoghol tal-irham li sar fil-kumpless "The Duke" u li huwa mertu ta' din il-kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

B'rizerva li s-socjeta' esponenti tipprocedi kontra s-socjetajiet rikorrenti ghall-hlas tal-bilanc li ghadu dovut ghax-xoghol esegwit fil-kumpless "The Duke" kif wkoll tal-interessi u l-ispejjez legali nkorsi minnha.

6. B'referenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat, imbaghad, is-socjeta' esponenti tirrileva s-segwenti:

    (a) Illi ghar-rigward il-kontenut tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u t-tmien paragrafu tar-rikors guramentat dawn mhumiex kontestati;

    (b) Illi r-raba', il-hames, is-sitta, is-seba' u l-ghaxar paragrafi huma kontestati. Mhux minnu li sar il-pagament totali ta' €113,481.27 u mhux minnu li l-ammont li effettivament thallas minn din is-somma kien qieghed jirreferi kollu kemm hu ghax-xoghlijiet li saru fid-Duke. Mhux minnu lanqas li sar xi *over payment* lis-socjeta' esponenti u li din hija obbligata li tirrifondi xi ammont lis-socjetajiet rikorrenti. B'referenza partikolari ghas-sitt paragrafu, jigi senjalat illi s-socjetajiet rikorrenti f'din l-istanza qeghdin jaghmlu referenza ghall-kont mahdum mill-Perit minnhom inkarigat mentri biex ottjenew il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru marbut ma' dawn il-proceduri, huma mplikaw li dan il-kont kien mahdum konguntivament mal-perit tas-socjeta' esponenti stess – haga li assolutament m'hijiex minnha;

    (c) Illi rigward id-disa' paragrafu jinghad li kif kienu ben konxji r-rapprezentanti tas-socjetajiet rikorrenti, is-socjeta' esponenti kienet qed taghmel il-verifiki taghha rigward l-allegati

pagamenti zejda maghmula mis-socjetajiet rikorrenti tramite l-*accountant* tal-fiducja taghha. Kienet ukoll qed tistenna dokumenti mill-Bank li ma setghux jigu ottenuti mil-lum ghall-ghada. Kien ghalhekk li s-socjeta' esponenti pprezentat noti biex jigi estiz it-terminu moghti lis-socjetajiet rikorrenti ghall-prezentata tal-kawza u kienet disposta li terga' takkorda tali estensjoni stante li kienet ghadha qed tistenna xi dokumenti mill-Bank. Izda s-socjetajiet rikorrenti riedu akkost ta' kollox jipprocedu bil-kawza;

(d) Illi ghar-rigward il-hdax u t-tnax-il paragrafu dawn gia' irrizultaw li huma nfondati u difatti din ir-risposta guramentata qeghdha tigi prezentata wara li f'digriet moghti *seduta stante* nhar il-Gimgha, tlettax (13) ta' Lulju 2012 din l-Onorabbli Qorti qieset li s-socjeta' konvenuta ghandha eccezzjonijiet validi xi tressaq;

(e) Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet rikorrenti nkluzi l-ispejjez tal-atti kawtelatorji numri 71/2012 u 134/2012.

Rat id-dokumenti, xhieda u provi kollha mressqa fl-atti;

Rat illi fil-verbal ta' nhar il-5 ta' Gunju 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-fatt fil-qosor u li mhux kontestati bejn il-partijiet huma li s-socjeta ntimata kienet titqabbad taghmel xi xoghol ta' rham anki fuq progetti mhux zghar mis-socjetajiet rikorrenti fost wiehed minn dawn il-progetti kien hemm il-Kumpless Dukes gewwa r-Rabat, Ghawdex. Il-ftehim bejn il-partijiet kien maqsum fi tnejn, u cioe' kien hemm parti mix-xoghol li kellu jithallas malli jsir bhala 'lump sum' filwaqt li parti mix-xoghol kellu jithallas skont il-kejl. Mill-atti rrizulta lil din il-Qorti li dan

il-ftehim presso poco sar fl-ewwel xhur tas-sena 2008 u fl-istess sena beda jsir ix-xoghol u bdew jinhargu l-kontijiet u anki saru xi pagamenti. Iz-zewg partijiet jaqblu li x-xoghol miftiehem bhala 'lump sum' thallas kollu izda mhux qed jaqblu liema mill-'invoices' li nhargu mis-socjeta' intimata kienu jirraprezentaw hlas fuq il-'lump sum' u liema kienu akkont. Fil-fatt filwaqt li s-socjetajiet rikorrenti jsostnu li l-maggor parti tal-flus imhallsa minnhom kienu akkont tax-xoghol bil-kejl, is-socjeta' intimata qed issostni li l-hlas kollu li sar kien fuq ix-xoghol bil-'lump sum' filwaqt li x-xoghol tal-kejl ghadu ma thallas xejn minnu. Is-socjeta' intimata qed tikkontesta wkoll ricevuta fiskali taghha stess mahruga ghas-somma ta' €18,500 u tghid li dawn il-flus qatt ma nghataw lilha. Is-socjetajiet attrici jsostnu li dawn thallsu f'zewg pagamenti ta' €10,000 u €8,500 rispettivament. Qabel ma giet prezentata l-kawza mis-socjetajiet attrici jirrizulta li s-socjeta' intimata kienet ipprezentat xi sekwestri fil-konfront taghhom tant li sabiex dawn tnehhew kellu jsir ftehim fejn saru zewg pagamenti ohra fuq perjodu ta' ftit xhur wiehed ta' €10,000 u €8,000 u dan sabiex jigu liberati l-kontijiet tas-socjetajiet attrici. Is-socjetajiet attrici jsostnu wkoll li huma damu zmien twil jghidu lis-socjeta ntimata sabiex isir ftehim fuq Perit sabiex dan ikejjel ix-xoghol bil-kejl biex hekk kulhadd ikun cert kemm sar xoghol bil-kejl. Is-socjeta' intimata kif rapprezentata minn Tarcisio Cermona ssostni li hi presso poco kienet taf ix-xoghol li ghamlet u allura rrezistiet li jitqabbad il-Perit. Pero', finalment il-partijiet qablu li jitqabbdu zewg Periti, perit kull wiehed u dawn kejlu u hargu l-kontijiet li tista' tghid ghajr ghal xi ftit mijiet zghar waslu ghall-istess konkluzzjonijiet anzi tas-socjetajiet rikorrenti huwa dak l-aktar gholi f'dan is-sens u favur is-socjeta' intimata ammontanti ghas-somma ta' €34,300.06. (fol. 34 rapport tal-Perit Alexander Bigeni). Is-socjetajiet attrici jsostnu li malli sar dan ir-rapport u qabblu mal-pagamenti akkont li saru lis-socjeta' intimata rrizulta li din is-socjetajiet attrici kienu hallsu lis-socjeta' intimata is-somma zejda ta' €38,199.73. Is-socjeta' intimata tghid li dawn ma kienu zejda xejn, anzi ssostni li l-kont tal-Periti ghandu jizdied mal-kontijiet kollha l-ohra mahruga b'dana li huma s-socjetajiet atturi li ghandhom jaghtu lis-socjeta' intimata. Dan dejjem fil-kuntest ukoll li s-socjeta' intimata qed tikkontesta li sar il-pagament f'kontanti ghas-somma ta' €18,500. Is-socjeta' intimata wkoll issostni li s-socjetajiet attrici mhux korretti ghaliex qed jiehdu in konsiderazzjoni wkoll pagamenti li saru ghal xoghlijiet fi bnadi ohra u mhux fil-kumpless 'Dukes'.

Illi ghalkemm din il-kawza originarjament giet intavolata bhala 'giljottina' fil-fatt din il-Qorti diversament preseduta kienet tat il-fakulta lis-socjeta' intimata taghmel ir-risposta taghha u ghalhekk l-ewwel talba tas-socjetajiet attrici sabiex il-Qorti tisma' l-kawza bid-dispensa tas-smiegh llum hija sorvolata.

Illi wara li l-Qorti rat l-provi u d-dokumentazzjoni kollha esebiti fl-atti tqis li ghandhom jigu sorvolati fl-ewwel lok it-tielet u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' intimata:

<u>It-tielet eccezzjoni:</u>

Illi t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' intimata taqra kif isegwi:

'Illi fit-tieni lok il-pagament ta' tmintax–il elf u hames mitt euro (€18,500) allegatament maqsum f'zewg pagamenti separati ta' ghaxart elef euro (€10,000) u tmint elef u hames mitt euro (€8,500) rispettivament ma sarx u dan kif is-socjetajiet rikorrenti u d-diretturi taghhom jafu u jafu bejn tajjeb.'

Kopja tal-ircevuta msemmija tinsab esebita fl-atti a fol. 199 tal-process. Fir-rigward ta' din l-ircevuta x-xhieda tas-socjetajiet attrici fosthom id-direttur Mark Grech isostnu li dan il-pagament sar f'zewg pagamenti separati ta' €10,000 u €8,500 izda mbaghad ingabru f'ircevuta tal-vat wahda. Ix-xhud Mark Grech specifika fil-kontro-ezami tieghu li stante li dawn kienu l-unici pagamenti li saru permezz ta' kontanti kien hemm insistenza li tinhareg ircevuta fiskali mis-socjeta' intimata bhala evidenza li rceviet is-somma in kwistjoni. L-istess xhud isostni li fil-kaz tal-pagamenti l-ohra, ic-cekkijiet stess flimkien mal-kont tas-socjeta' intimata kienu evidenza tal-hlas allura ma nsistewx li tinhareg ircevuta fiskali. Fil-fatt il-partijiet jaqblu li sal-lum is-socjeta' intimata harget biss din l-ircevuta fiskali lis-socjetajiet rikorrenti.

Da parti tieghu r-rapprezentat tas-socjeta' intimata Tarcisio Cremona jsostni li ghalkemm huwa minnu li l-ircevuta fiskali tidher li hija tas-socjeta' intimata mhux minnu li huwa qatt ircieva l-flus kontanti u jwahhal fl-impjegata tas-socjetajiet rikorrenti certu Lelina li kienet tkun hi li talbitielu biex tkun tista' tigbed il-flus mill-bank u jsostni li izda dawn qatt ma nghataw lilu. Waqt il-kontro-ezami tieghu Tarcisio Cremona jsostni li sahansitra darba kien hemm okkazzjoni fejn is-

socjetajiet rikorrenti kienu sostnew permezz ta' e-mail li kien sar hlas ta' €13,650 (ara e-mail esebita minnu stess a fol. 80) izda dan ma kienx minnu. Jghid li kien thabat sabiex dan tnehha ghaliex kien zball u fil-fatt hemm qbil mis-socjetajiet rikorrenti li fil-fatt dan kien zball u li gie mregga lura. B'referenza ghall-e-mails a fol. 80 u 81 ir-rapprezentant tal-istess socjeta' intimata jikkonferma li bejn l-impjegata tas-socjetajiet attrici cioe' Lelina u l-'accountant' taghha li kien is-Sur Mario Grech kull certu zmien kienu jintbaghtu e-mails sabiex jigu ccekkjati bejn il-partijiet u l-istess Tarcisio Cremona provda lil din il-Qorti l-e-mail a fol. 80 bhala ezempju.

Jirrizulta lil din il-Qorti li effettivmanet 'prima facie' l-ircevuta mahruga mill-istess socjeta' intimata u ffirmata minn Tarcisio Cremona ghandha tkun evidenza bizzejjed tal-pagament li sar mis-socjetajiet attrici. Izda, apparti minn hekk, kien l-istess Tarcisio Cremona li esebixxa a fol. 80 e-mail li tevidenzja l-ammont ta' €13,650 li huwa jsostni li mill-ewwel gie kontestat da parti tieghu filwaqt li fl-istess e-mail jissemmew iz-zewg pagamenti kontanti ta' €15,000 u €8,500 li izda fl-ebda hin ma jirrizulta li gew kontestati mis-socjeta' intimata jekk mhux f'dawn il-proceduri. Meta mistoqsi waqt il-kontro-ezami Tarcisio Cremona jghid li huwa ma kienx jaf bihom ghax huma ma jarax e-mails u dawn kien jircevihom l-accountant Mario Grech. Il-Qorti ma temminx din il-verzjoni tal-fatti ghas-semplici raguni li fl-istess e-mail hemm imsemmi l-ammont ta' €13,650 li verament qatt ma kien thallas u dan Tarcisio Cremona ikkontestah mill-ewwel ghaliex fil-fatt sar jaf bil-kontenut tal-e mail. Li kieku ma sarx jaf bil-kontenut tal-e-mail kif qed isostni hu lanqas kien isir jaf bl-allegat pagament li ma sarx u li huwa kkontesta. Fl-istess hin izda ma sab xejn x'joggezzjona fuq il-pagamenti kontanti msemmija fl-istess 'e-mail'.

Il-Qorti rat ukoll l-ircevuta in kwistjoni a fol. 99 tal-process. Jirrizulta li Tarcisio Cremona (rapprezentant tas-socjeta' intimata) jipprova jqajjem dubju dwar din l-ircevuta ghaliex hemm id-data maqtugha u rrangata izda evidentement il-korrezzjoni li saret hija ffirmata minnu stess. Apparti minn hekk din il-Qorti seghtet tikkonstata li originarjament id-data fuq l-ircevuta kienet xi data f'Dicembru tas-sena 2009 u kien l-istess Tarcisio Cremona fil-kontro-ezami tieghu li ammetta li huwa kien intalab ibiddel id-data ghall-skop ta' sena finanzjarja tas-socjetajiet rikorrenti, allura ma sar xejn minn wara dahru. Din il-Qorti kkonstatat ukoll li d-data kemm originali fuq l-ircevuta kif ukoll kif irrangata ghal

ftit gimghat wara huma ferm vicin id-dati meta skont l-email a fol. 80 saru l-pagamenti f'kontanti. Jirrizulta wkoll illi fil-mori bejn li saru l-ewwel pagament u cioe' nahr it-12 ta' Ottubru, 2009 u t-tieni pagamenti fis-17 ta' Dicembru, 2009 (il-probabilta' milli setghet tara l-Qorti d-data originali fuq l-ircevuta a fol. 99 hija dik tat-18 ta' Dicembru, 2009) is-socjeta' intimata kienet baghtet ittra legali nterpellatorja lis-socjetajiet rikorrenti datata 4 ta' Dicembru, 2009 fejn talbithom ihallsuha arretrati ta' xoghol ghas-somma ta' €70,000. Il-Qorti qabblet dan l-ammont mar-rendikont esebit mill-istess socjeta' intimata a fol. 91 tal-process u minn dan id-dokumenti jirrizulta li sad-data ta' dik l-ittra l-ammont dovut skont il-kalkoli tal-istess socjeta' intimata fid-data tal-ittra kienet dik ta' €44,607.46 u mhux dik ta' €70,000. Il-Qorti ghalhekk tifhem ghaliex is-socjetajiet rikorrenti bejn l-ewwel pagament kontanti u t-tieni pagament f'kontanti nsistew mas-socjeta' intimata li tohrog ircevuta fiskali u dan sabiex ikollhom evidenza dwar pagamenti li saru in vista li certament ma kienux qed jaqblu mal-interpellanza u l-ammont mitlub fl-ittra tas-socjeta' intimata.

Il-Qorti in vista tas-suespost, tqis li l-evidenza u x-xhieda li hija l-aktar wahda veritiera u pruvata fl-atti fir-rigward tal-pagament kontanti fl-ammont totali ta' €18,500 hija dik tas-socjetajiet rikorrenti u ghalhekk tqis li l-pagament totali ta' €18,500 f'kontanti verament gie ricevut mis-socjeta' intimata kif konfermat mill-istess ricevuta taghha stess a fol. 99 tal-process. Dan kollu jwassal ghac-cahda tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta' intimata.

<u>Ir-raba' eccezzjoni:</u>

Illi r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' intimata taqra kif isegwi:

'Illi fit-tielet lok parti mill-pagamenti li saru mis-socjetajiet rikorrenti kienu effettivament qeghdin jaqtghu valur ta' xoghlijiet ohra nkluz it-taxxa tal-VAT li saru mis-socjeta' intimata fuq progetti ohra tas-socjeta' Island Developments Limited u liema progetti m'ghandhom l-ebda konnessjoni max-xoghol tal-irham li sar fil-kumpless "The Duke" u li huwa mertu ta' din il-kawza;'

Mill-atti jirrizulta li s-socjeta' intimata f'dan ir-rigward tramite x-xhud u rapprezentant taghha Tarcisio Cremona ghamlet referenza ghal xoghol iehor fuq progett tat-'Towers' fil-vicinanza tac-cimiterju tal-Addolorata

gewwa Malta. Is-socjetajiet attrici rribattew ghal dan billi ressqu prova kuntratt ta' bejgh li permezz tieghu s-socjeta' intimata thalset ghax-xoghol li sar fuq dan il-progett tramite appartament fl-istess progett. Dan jinsab esebit a fol. 131 tal-process. L-istess rapprezentant tas-socjeta' intimata ammetta fil-kontro-ezami li ghax-xoghol maghmul f'dak il-progett is-socjeta' intimata thallset permezz tal-appartament. Is-socjetajiet attrici sahansitra jsostnu li s-socjeta' intimata ghadha ma tatx lura xoghol f'dak il-progett ekwivalenti ghall-prezz tal-appartament.

Fil-bqija minn analizi tal-provi kollha esebiti din il-Qorti ma sabet l-ebda prova ohra mressqa mis-socjeta' intimata li b'xi mod irribattiet dak li qed isostnu s-socjetajiet rikorrenti u cioe' li l-pagamenti kollha vantanti f'din il-kawza mis-socjetajiet rikorrenti saru fir-rigward tal-progett tad-Dukes.

Ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti qed tichad ukoll ir-raba eccezzjoni tas-socjeta' intimata.

<u>Mertu:</u>

Illi fir-rigward tal-mertu u l-eccezzjonijiet rimanenti l-Qorti tqis li tista' titrattahom b'mod komplessiv stante li lkoll jikkoncernaw il-kwistjoni tal-'invoices' mahruga mis-socjeta' intimata u l-pagamenti maghmula mis-socjetajiet rikorrenti.

Jirrizulta li sabiex is-socjetajiet rikorrenti jissostanzjaw l-allegazzjoni taghhom li huma hallsu lis-socjeta' intimata s-somma komplessiva ta' €113,481.27 gew esebiti fl-atti kopja tac-cekkijiet kollha li ghaddew ghand is-socjeta' intimata flimkien mal-ircevuta tal-vat ghas-somma ta' €18,500. Dawn jinsabu esebiti f'diversi partijiet tal-process izda gew ukoll esebiti mar-rikors guramentat a fol. 9 et seq. Maghduda flimkien dawn ic-cekkijiet u ricevuta jammontaw ghas-somma ta' €113,477 u cioe' differenza minima ta' €4.27. A fol. 91 tal-process l-istess socjeta' intimata prezentat rendikont tal-'accountant' taghha stess minfejn tirrikonoxxi l-pagamenti kollha vantati mis-socjetajiet rikorrenti ghajr dak tat-€18,500 stante li kienet qed tikkontesta li rcevietu. Din il-Qorti gia ddecidiet din il-kontestazzjoni favur is-socjetajiet rikorrenti. Mhux biss izda tirrikonoxxi pagament iehor ta' €288 li s-socjetajiet rikorrenti mhux qed jippretendu li ghamlu. Maghdud is-somma ta' €18,500 u

mnaqqsa s-somma ta' €288 mhux pretiza mis-socjetajiet rikorrenti s-somma skont il-kalkoli wkoll tas-socjeta' intimata tekwivali fil-fatt ghas-somma ta' €113,477. Ghalhekk tenut kont tal-provi kollha mressqa fl-atti l-Qorti tqis li gie sufficjentement ippruvat li s-socjeta' intimata rceviet minghand is-socjetajiet rikorrenti s-somma ta' €113,477.

Illi izda jirrizulta li l-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija li s-socjetajiet rikorrenti qed isostnu li whud mill-pagamenti saru 'on account' tax-xoghol bil-kejl filwaqt li s-socjeta' intimata qed issostni li ghax-xoghol bil-kejl hija ghadha ma thallset xejn u qed tippretendi s-somma kif ikkalkolata mill-Periti mqabbda mill-partijiet 'over and above' il-kontijiet kollha mahruga ghaliex skont hi dak li thallas kien kollu fuq il-'lump-sum'.

Din il-Qorti gharblet sew il-provi f'dan ir-rigward u daret kull ircevuta u xhieda kelma b'kelma u filwaqt li ser timxi mal-prospett redatt mis-socjeta' intimata stess (fol. 91) ser telenka l-konkluzzjonijiet taghha fuq kull somma pretiza mill-istess socjeta' intimata f'dan id-dokument a fol. 91 tal-process:

1. L-ewwel kont huwa ta' €23,293.00 datat 4 ta' Awissu, 2008 u jinsab esebit a fol. 209. Is-socjetajiet rikorrenti jsostu li dan sar akkont tax-xoghol bil-kejl filwaqt li s-socjeta' intimata ssostni li dan kien ghal-'lump-sum'. Jirrizulta lill-Qorti li dan kien l-ewwel kont li nhareg u thallas madwar hamest ijiem wara mis-socjetajiet rikorrenti. Fuq dan il-kont hemm miktub *'Being 30 % deposit on works to be carried out at the Duke Level 0 & Level 1).* Il-Qorti qabblet ukoll dan il-kont mal-bqija tal-kontijiet esebiti u jirrizulta li filwaqt li dawk li s-socjetajiet rikorrenti qed isostnu li kienu ghal-'lump sum' huma ferm dettaljati u jelenkaw wiehed wiehed ix-xoghol li sar, dan il-kont ma jaghmel referenza ghall-ebda xoghol partikolari. Fl-istess hin ix-xhud Tarcisio Cremona fil-kontro ezami tieghu fost il-hafna tahwid fi kliem u rifjuti li jirrispondi f'mument minnhom tahrablu (qabel ma prova jwaqqfu l-Avukat tieghu) li jiftakar li kien ircieva pagament akkont fil-bidu tal-ftehim (ara fost ohrajn il-kontro-ezami tieghu a fol. fl-atti a fol. 110) u sahansitra jiftakar li l-ftehim kien bil-Maltin u nqalbu Euro, appuntu Lm10,000 maqluba f'euro li jekwivali ghas-somma ta' €23,293.00. Wara dan il-pagament jirrizulta wkoll li nhargu kontijiet ohra fuq xoghol specifiku li s-socjetajiet atturi jikkonfermaw li kienu jiffurmaw parti mill-ftehim 'lump-sum'. Dan kien xi zmien wara li fil-fatt nbdew ix-xoghlijiet. Din

il-Qorti mill-assjem tal-provi hija konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li dan l-ewwel hlas sar bhala l-ewwel wiehed akkont tax-xoghol bil-kejl fil-mument li l-partijiet ftehmu x'kellu jsir gewwa d-Dukes u dan ghaliex appuntu sa dak iz-zmien ix-xoghol kien ghadu ma bediex u ghalhekk lanqas ix-xoghol li kellu jithallas permezz ta' 'lump sum'. Is-socjeta' intimata tipprova tirribatti dan billi taghmel referenza ghall-fatt li f'dan il-kont hemm imsemmi '30% deposit on account' u ssostni li allura l-100% huwa ferm aktar minn dak li waslu ghalih il-Periti jew se mai kien 30% ta' somma li gia kienet miftehma bejn il-partijiet. Dan l-argument izda ma jreggix in vista tal-fatt li Tarcisio Cremona fix-xhieda tieghu stess jammetti li skont hu huwa bejn wiehed u iehor kien jaf kemm ix-xoghol bil-kejl ser jitla' u ghalhekk huwa verosimili li huwa jkun ghamel kalkolu f'mohhu u jkun talab hlas akkont 30% ta' somma approssimattiva mahduma minnu. Dan anki meta wiehed iqabbel mal-pretensjonijiet tieghu originali kontenuti fl-ittri nterpellatorji mibghuta lis-socjetajiet rikorrenti. Jirrizulta izda ammess ukoll mill-istess Tarcisio Cremona li konsegwentement ghall-bidu tax-xoghlijiet, is-socjetajiet rikorrenti taw xi xoghol li kien ser jaghmel hu lil terzi u ghalhekk huwa gustifikat li finalment ix-xoghol bil-kejl naqas minn dak li Tarcisio Cremona kellu f'mohhu originarjament. Maghdud ma' dan il-Qorti zzid li jirrizulta verosimili hafna li bosta minn dawk il-kontijiet li kienu jinhargu bhala 'on-account' fosthom dan koncernat kienu jinkitbu mill-impjegata tas-socjeta' rikorrenti u cioe' Lelina anki ghaliex il-kitba fuqhom hija diversa minn dawk mahruga bid-dettal tax-xoghol miktub fuqhom u dan jiddistingwihom mill-kontijiet mahruga fuq il-'lump-sum'.

2. It-tieni kont huwa dak ghas-somma ta' €80.17 datat 12 ta' Awissu, 2008. Dan jinsab esebit a fol. 210 u minn qari tieghu evidentement dan jghajjat lil certu Philip Spiteri u mhux lis-socjetajiet rikorrenti li fil-fatt jikkontestaw dan il-kont bhala mhux taghhom. Il-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat mill-atti li dan il-kont mhux pagabbli mis-socjetajiet rikorrenti (sahansitra l-karta li fuqu hu miktub il-kont hija ferm diversa mill-bqija tal-kontijiet kif ukoll in-numru tal-ircevuta huwa ferm diversi mill-bqija) u ghalhekk ma tqisx li dan l-ammont huwa jew kien dovut mis-socjetajiet attrici;

3. It-tielet kont huwa ghas-somma ta' €288.97 li jinsab esebit a fol. 211 proprjament ghas-somma ta' €288.94. Il-Qorti tqis li s-socjetajiet esponenti pprezentaw bizzejjed provi fl-atti sabiex jevidenzjaw li dan

huwa dovut minn terzi u mhux minnhom sahansitra giet esebita kawza li fethet is-socjeta' intimata kontra s-Socjeta' Gozo Aluminium ghall-hlas tal-istess u ghalhekk huwa evidenti li dan mhux dovut mis-socjetajiet attrici.

4. Ir-raba' kont huwa dak ghas-somma ta'€1,373.70 allegatament datat 17 ta' Settembru, 2008 li s-socjetajiet attrici jsostnu li ma jafux bih. Is-socjeta' intimata ghalkemm tnizzlu fil-prospett taghha mkien ma esebiet fl-atti kopja ta' dan il-kont. Ghalhekk il-Qorti tqis li s-sottomissjoni tas-socjetajiet attrici li dan il-kont mhux dovut hija sufficjentement pruvata u certament ma gietx ikkontestata bi provi.

5. Il-hames kont huwa dak ghas-somma ta' €11,600 li jinsab esebit a fol. 228 tal-process. Minn qari ta' dan il-kont u l-bqija tal-evidenza jirrizulta li dan huwa wiehed minn dawk il-kontijiet mhux miktub minn Tarcisio Cremona izda probbabilment inkiteb minn Lelina b'inkarigu tas-socjetajiet attrici. Fuqu hemm imnizzel li dan sar 'on account'. Ghar-ragunijiet gia suesposti f'din id-decizjoni l-Qorti tqis li s-sottomissjonijiet tas-socjetajiet attrici li dawn il-pagamenti kienu qed isiru akkont tax-xoghol bil-kejl huma aktar verosimili minn dak li qed tissottometti s-socjeta' intimata u cioe' li dawn kienu fuq ix-xoghol 'lump-sum'. B'zieda ma' dawk is-sottomissjonijiet il-Qorti tqis ukoll li l-fatt li dawn il-pagamenti akkont huma ghall-ammonti dritti minghajr centezmi bhalma huma l-kontijiet l-ohra li huma ferm aktar dettaljati wkoll huma evidenza li dawn kienu qed isiru akkont tax-xoghol bil-kejl u mhux ghax-xoghol l-iehor li kien qed jithallas skont ix-xoghol indikat fil-kont.

6. Is-sitt kont huwa ghas-somma ta' €5,284, 24 esebit a fol. 204 u jidher li huwa ferm dettaljat. Hemm qbil anki mis-socjetajiet attrici li dan jaqa' taht ix-xoghol pagabbli bhala 'lump sum' u mhux max-xoghol bil-kejl;

7. Is-seba' kont huwa ghas-somma' ta' €11,800 esebit a fol. 205 u jaghmel referenza specifika ghal 'quotation' bin-numru 239 u ma hemmx iminizzel fuqu li dan qed isir 'on–account'. Il-Qorti ghalhekk tqis li huwa minnu li dan il-kont ghandu jigi kkunsidrat bhala li jifforma parti mill-pagamenti 'lump-sum' li fuq kollox huwa argument favur is-socjeta' intimata nonostante li kopja ta' din il-'quotation' ma gietx esebita.

8. It-tmien kont huwa ghas-somma ta' €593.71 li jinsab esebit a fol. 229. Dwar dan il-kont is-socjetajiet rikorrenti jsostnu li din kienet tifforma parti mix-xoghol bil-kejl tant li sar aggustament fuqha fil-kont tal-Perit Bigeni. Dan gie wkoll ampjament spjegat mill-Perit Bigeni fil-kontro-ezami tieghu a fol. 324 et seq tal-process. Finalment anki l-Perit tas-socjeta' intimata l-Perit Shaun Micallef tista' tghid wasal ghall-istess konkluzzjonijiet. Il-Qorti tqis ghalhekk li gie ampjament pruvat li dan il-kont jirreferi ghal xoghol bil-kejl.

8. Id-disa' kont huwa ghas-somma ta' €23,504 esebit a fol. 206 tal-process. Dan il-kont jaghmel referenza ghall-'quotations' specifici bin-numru 707,792, 204 u 1021 u s-socjetajiet attrici jammettu li kienu parti mill-pagamenti 'lump sum' u mhux mix-xoghol tal-kejl. Il-Qorti tqis li r-referenza ghall-kontijiet specifici u l-fatt li s-somma mihjiex wahda 'ghad-dritt' jevidenzja li dan kien kont li jirreferi ghal-xoghol 'lump sum' u mhux tal-kejl.

10. L-ghaxar kont huwa ghas-somma ta' €56.64 esebit a fol. 230. Is-socjetajiet atturi jsostnu li din kienet 'quotation' u mhux kont. Il-Qorti izda qabblet dan il-kont ma' fol. fol 232 u 233 li wkoll skont is-socjetajiet attrici huma 'quotations' u tqis li evidentement hemm diskrepanzi bejniethom li jevidenzjaw il-kont a fol. 230 mill-quotations a fol. 232 u 233 fosthom il-fatt li a fol. 230 tnizzlet kemm id-data kif ukoll in-numru tal-vat. Il-Qorti ma tqisx li ghal semplici 'quotation' kien hemm bzonn li titnizzel il-vat numru kif ukoll inhadem il-vat u ghalhekk tqis li ma hemm l-ebda evidenza li tikkontradixxi li dan huwa fil-fatt kont u mhux 'quotation'. Dan izda jidher li ghandu jaqa' taht il-pagamenti 'lump sum' u mhux taht ix-xoghol bil-kejl in vista li tnizzel b'mod specifiku l-kont ghalxiex kien qed jirreferi u ma hemm l-ebda kitba li l-hlas qed isir ' on-account'.

11. Il-hdax-il kont huwa ghas-somma ta' €10,000 esebit a fol. 231 tal-process. Dan huwa kont iehor li evidentement ma nkitibx minn Tarcisio Cremona imma probbabilment minn Lelina. Is-socjetajiet attrici jsostnu li dan huwa ghal xoghol bil-kejl li kien indikat fil-quotations esebiti a fol. 232 u 233 tal-process kif fil-fatt jirrizulta li jaqblu man-numri l-quotations innifishom meta mqabbla ma' dawk indikati fil-kont. Ghalhekk il-Qorti tqis li hemm provi bizzejjed fl-atti li jevidenzjaw li dan il-kont jifforma parti mix-xoghol 'bil-kejl' u mhux tal-'lump sum'.

12. It-tnax-il kont huwa ghas-somma ta' €177.79 esebit a fol. 207 tal-process. Evidentement dan inhareg fuq xoghol specifiku u ghandu jitqies bhala parti mix-xoghol li thallas bhala 'lump-sum'.

13. It-tlettax-il kont huwa ghas-somma diretta ta' €10,000 esebit a fol. 234 tal-process. Ghalkemm ma jidhirx li huwa miktub minn Lelina izda mill-kitba jidher li nkiteb minn Tarcisio Cremona stess il-fatt li dan jghid li huwa 'part payment' u ma jaghmel l-ebda referenza ghal xoghol specifiku l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjetajiet attrici li dan jaqa' bhala pagament mitlub akkont tax-xoghol bil-kejl u mhux 'lump sum'.

14. L-erbatax-il kont huwa ghas-somma ta' €110.68 esebit a fol. 208 tal-process. Dan jaghmel referenza direttament ghal xoghol specifiku u ghandu jigi kkunsidrat bhala kont fuq xoghol 'lump-sum'.

15. Il-hmistax-il-kont huwa ghas-somma ta' €104.82 li ma jinsab esebit imkien fl-atti. Fl-istess hin is-socjetajiet attrici ma jelenkawx bhala parti mill-pagamenti li saru minnhom u ma jirrikonoxxuhx bhala kont li jafu bih. Il-Qorti tqis li dan il-kont ma giex sufficjentement pruvat u ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant in vista tal-konkluzzjonijiet suesposti jirrizulta li s-socjetajiet attrici rcevew kontijiet fuq xoghol 'lump-sum' pruvati ghas-somma ta' €40,933.35 filwaqt li kontijiet pruvati akkont ghax-xoghol bil-kejl inhargu ghas-somma ta' €55,486.71. Jirrizulta ghalhekk li t-total dovut lis-socjeta' intimata skont il-kontijiet mahruga minnha u pruvati kien ta' €96,420.06 filwaqt li gie sufficjentement pruvat lil din il-Qorti li s-socjeta' intimata rceviet is-somma ta' €113,477 cioe' hemm differenza favur is-socjetajiet rikorrenti ta' €17,056.94. Fl-istess hin izda l-Qorti trid tqis li x-xoghol bil-kejl fil-frattemp gie mkejjel u hareg rapport ghas-somma totali (tenut kont ta' dik l-aktar favorevoli ghas-socjeta' intimata) ta' €34,300.06. Ghalhekk din il-Qorti trid tiehu kont tal-kejl finali u mhux tal-kontijiet mahruga akkont stante li dawn hargu qabel ma kien sar il-kejl fuq il-post. Jirrizulta ghalhekk li dak dovut mis-socjetajiet attrici lis-socjeta' intimata huwa s-somma ta' €40,933.35 'lump sum' flimkien ma' €34,400.06 xoghol bil-kejl total ta' €75,333.41. Jirrizulta ghalhekk li s-socjeta' intimata rceviet pagamenti zejda ammontanti ghas-somma ta' €38,143.59.

Is-socjeta' intimata ssostni li s-socjetajiet attrici tenut kont li xogholhom huwa l-izvilupp ta' proprjeta' ma kienux ser jaghmlu pagamenti ta'aktar mix-xoghol li jkun sar kemm minhabba l-esperjenza taghhom kif ukoll minhabba l-problemi ta' kontanti li kellhom u li kienu spiss jissemmew mar-rapprezentant tas-socjeta' intimata Tarcisio Cremona. Din il-Qorti izda tista' mill-ewwel tqis li l-ahhar zewg pagamenti ta' €10,000 u €8,000 gie ampjament pruvat fl-atti li dawn thallsu mis-socjetajiet atturi ghaliex kellhom pressjoni rizultat tal-mandati ta' sekwestri li saru fuqhom mis-socjeta' intimata u riedu jaraw kif jaghmlu biex jilliberaw il-kontijiet taghhom. Ghalhekk fir-rigward ta' l-ammont ta' €18,000 zgur li l-argument tas-socjeta' intimata ma jreggix. Jibqa' s-somma ta' madwar €20,000 li thallset zejda mis-socjetajiet attrici qabel ma s-socjeta' intimata finalment qablet li jitqabbdu l-Periti sabiex jaghmlu l-kejl. La darba jirrizulta li kienet is-socjeta' intimata li damet zmien twil sabiex qablet li jitqabbdu l-Periti biex ikejjlu, il-Qorti issa ma tqisx li dan l-argument jista' jintuza kontra s-socjetajiet attrici li kienu qed jaghmlu minn kollox sabiex jaghlqu l-kontijiet. In oltre dan l-argument imqajjem minn rapprezentant tal-Kumpanija ntimata li sahansitra gie pruvat fl-atti u deciz f'din is-sentenza li thallas is-somma ta' madwar €23,000 akkont u jipprova jaghti x'jifhem li dan ma sarx jew nesieh, kif ukoll li jichad li rcieva s-somma ta' €18,500 kontanti meta gie ppruvat lil din il-Qorti li dan fil-fatt sehh, ftit jew xejn jista' jinghata kredibilita'. Anki semplici harsa lejn l-ittra legali nterpellatorja esebita fl-atti a fol. 289 tal-process u l-ittra ufficjali a fol. 290 tal-process li juru diskrepanzi bejn dak li kien dovut skont il-prospett tal-istess socjeta' intimata a fol. 91 fiz-zmien li gew miktuba u l-ammonti ndikati fl-ittri ma jimmilita xejn favur il-kredibilita tas-socjeta' intimata. Apparti minn hekk meta wiehed iqabbel il-pagamenti li saru mis-socjetajiet attrici fuq medda ta' zmien meta mqabbla mal-pretensonijiet tas-socjeta' intimata fl-ittri taghha se mai jirrizulta li huma anqas minn dak pretiz mis-socjeta' intimata, ghal din ir-raguni wkoll l-argument tas-socjeta' intimata ma jreggix ghaliex se mai kienu l-pretensjonijiet taghha stess li setghu wasslu lis-socjetajiet rikorrenti ghall-izball.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' intimata kif ukoll l-ewwel talba attrici stante li sorvolata, tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tiddikjara illi l-kumpanija ntimata hija debitrici tal-kumpaniji attrici fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, mija u tlieta u erbghin euro u disgha u hamsin centezmu (€38,143.59);

2. Tikkundanna lill-kumpanija ntimata thallas lill-kumpaniji attrici s-somma ta' tmienja u tletin elf, mija u tlieta u erbghin euro u disgha u hamsin centezmu (€38,143.59);

Bl-ispejjez kollha kif mitluba u bl-imghax skont il-ligi dekorribbli mid-data ta' l-intavolar ta' din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur